MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2014

Numru 157/2014

**Artikoli 261(c) u 279(a) tal-Kapitolu 9,**

**tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Magistrat**

**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D. Dip. Matr. (Can)**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Frankie Sammut)**

**vs**

**JURGEN AZZOPARDI**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **JURGEN AZZOPARDI,** ta’ 16-il sena iben Michael u Claudianne nee’ Galea, imwieled Pieta’ nhar il-5 ta’ Marzu, 1997 u residenti 20, Claudrian, Trejqet Francesco Chircop, Kalkara detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 101997(M) gie mressaq quddiemha u akkuzat talli nhar it-18 ta’ Lulju, 2013, gewwa Marsaskala ikkommetta serq ta’ oggett u cioe rota liema serq, li sar ghad-detriment ta’ Rowan Cassar Magro minn Marsaskala u/jew persuni ohra, huwa kkwalifikat bil-valur li jammonta ghal aktar minn Euro 116.57 imma mhux aktar minn Euro 2329.37.

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni fosthom, estratt mill-att tat-twelid tal-imputat, fedina penali, dikjarazzjoni ta’ rifjut tal-jedd ghal parir legali datat 12 ta’ Awissu 2013, stqarrija, okkorrenza u kunsens tal-Avukat Generali datat 11 ta’ Frar, 2014 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Illi din il-kawza giet moghtija lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet ta' assenjazzjoni mis-Sinjurija Tieghu Prim Imhallef datat 21 ta' April, 2014.

Illi din il-kawza giet appuntata ghall-ewwel darba quddiemha kif preseduta illum 24 ta' Gunju, 2014.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata waqt is-seduta tal-erbgha u ghoxrin (24) ta' Gunju 2014 u ghalhekk, fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssibu hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu mill-prosekuzzjoni.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq biex jekk ried, seta' rega' lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni tieghu giet registrata fl-atti ta' din il-kawza fl-istess seduta tal-erbgha u ghoxrin (24) ta' Gunju 2014.

Rat illi l-fedina penali tal-imputat hija wahda netta bla ebda tebgha ta' kontravenzjoni jew reat registrat fuqha u ghaldaqstant l-imputat ghandu jigi trattat bhala first time offender.

Rat il-ftehim esebit fl-atti bejn omm l-imputat Claudianne Galea u omm il-parte civile Rowan Cassar Magro fejn is-sinjura Galea

assumiet ir-responsabilita’ tas-serq li ghamel binha tant illi obbligat ruhha li thallas is-somma ta’ elf u erba’ mitt ewro (€1,400) rapprezentanti l-valur tar-rota li seraq l-imputat.

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur jikkonferma fl-awla illi effettivament illum il-bilanc restanti huwa ta’ sitt mitt ewro (€600) u dan ghaliex is-Sinjura Galea diga hallset tmien pagamenti ta’ mitt ewro il-wiehed minn mindu gie ffirmat il-ftehim fuq imsemmi.

**Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-Ligi, u cioe’ l- Artikoli 261(c) u 279(a) tal-Kapitolu 9, tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti tiddikjara li ssib lill-imputat JURGEN AZZOPARDI hati tal-akkuza u tiddeciedi li tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghal perjodu ta’ sena mil-lum ai termini tal-Artikolu 22(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta u in oltre li jhallas is-sitt mitt ewro bilanc dovuti lil Rowan Cassar Magro.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------